II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Settembru 2013

li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni 2008/915/KE

(notifikata bid-dokument C(2013) 5915)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/480/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [1], u partikolarment it-taqsima 1.4.1(ix) tal-Anness V tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(1)(a)(ii) tad-Direttiva 2000/60/KE jesiġi li l-Istati Membri jħarsu, itejbu u jirrestawraw l-ilmijiet kollha tal-wiċċ bil-għan li jiksbu status tajjeb tal-ilma tal-wiċċ sa, l-iktar tard, 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, soġġett għal ċerti derogi, skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness V tagħha. L-Artikolu 4(1)(a)(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE jesiġi li l-Istati Membri jħarsu u jtejbu l-ilmijiet kollha artifiċjali u dawk immodifikati ħafna bil-għan li jiksbu potenzjal ekoloġiku tajjeb u status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ sa mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, soġġett għal ċerti derogi, skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness V tagħha. Skont il-punt (i) tat-Taqsima 1.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, ir-referenzi għall-istatus ekoloġiku għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal potenzjal ekoloġiku fir-rigward ta' ilmijiet artifiċjali u dawk immodifikati ħafna.

(2) L-eżerċizzju tal-interkalibrar jipprevedi approċċ armonizzat sabiex jiġi definit wieħed mill-għanijiet ambjentali prinċipali tad-Direttiva 2000/60/KE, jiġifieri status ekoloġiku tajjeb.

(3) It-Taqsima 1.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE tipprevedi proċess li jiżgura l-komparabbiltà bejn ir-riżultati tal-monitoraġġ bijoloġiku tal-Istati Membri, li huwa parti ċentrali mill-klassifikazzjoni tal-istatus ekoloġiku. Dan jeħtieġ li r-riżultati tal-monitoraġġ bijoloġiku tal-Istati Membri u l-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom jiġu mqabbla permezz ta' netwerk ta' interkalibrar magħmul minn siti ta' monitoraġġ f'kull Stat Membru u f'kull ekoreġjun fl-Unjoni. Id-Direttiva 2000/60/KE tesiġi li l-Istati Membri jiġbru, kif xieraq, it-tagħrif meħtieġ għas-siti inklużi fin-netwerk ta' interkalibrar, sabiex dan jippermetti l-valutazzjoni tal-konsistenza tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ mad-definizzjonijiet normattivi tat-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE u l-komparabbiltà tar-riżultati tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali bejn l-Istati Membri.

(4) Sabiex jitwettaq l-eżerċizzju tal-interkalibrar, l-Istati Membri huma organizzati fi Gruppi Ġeografiċi tal-Interkalibrar, magħmula minn Stati Membri li bejniethom jaqsmu tipi partikolari ta' ilmijiet tal-wiċċ, kif iddefinit fit-Taqsima 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/646/KE tas-17 ta' Awwissu 2005 dwar l-istabbiliment ta' reġistru ta' siti sabiex jifformaw in-netwerk ta' interkalibrar skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

[2] ĠU L 243, 19.9.2005, p. 1.

(5) It-Taqsima 1.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE tispeċifika li l-eżerċizzju tal-interkalibrar għandu jitwettaq fil-livell tal-element bijoloġiku, fejn jitqabblu r-riżultati tal-klassifikazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' monitoraġġ għal kull element bijoloġiku u għal kull tip ta' massa ta' ilma tal-wiċċ fost l-Istati Membri fl-istess Grupp Ġeografiku tal-Interkalibrar, u fejn tiġi vvalutata l-konsistenza tar-riżultati mad-definizzjonijiet normattivi msemmija fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

(6) Il-Kummissjoni ffaċilitat żewġ fażijiet tal-eżerċizzju tal-interkalibrar permezz tal-Istitut għall-Ambjent u s-Sostenibbiltà taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

(7) Fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tħejjew tliet Dokumenti ta' Gwida (Nru 6 [1] u 14 (żewġ verżjonijiet) [2]) sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' interkalibrar. Huma pprovdew deskrizzjoni ġenerali tal-punti ewlenin tal-proċess ta' interkalibrar u l-għażliet għat-twettiq tal-eżerċizzju inkluż il-perjodi ta' żmien u r-rekwiżiti dwar ir-rappurtar.

(8) Sal-2007, il-Kummissjoni kienet irċeviet riżultati ta' interkalibrar għal għadd ta' elementi ta' kwalità bijoloġika. Dawn ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE tat-30 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar [3], li tistabbilixxi l-valuri tal-limiti bejn il-klassijiet li l-Istati Membri għandhom jużaw fil-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali tal-monitoraġġ tagħhom. Ir-riżultati tal-ewwel fażi tal-eżerċizzju ta' interkalibrar ma kinux kompluti, minħabba li mhux l-elementi kollha ta' kwalità bijoloġika kienu koperti. Madankollu kien neċessarju li r-riżultati disponibbli tal-eżerċizzju tal-interkalibrar jiġu adottati sabiex jiġu żviluppati l-pjanijiet ta' ġestjoni u l-programmi ta' miżuri tal-ewwel baċir ta' xmara skont l-Artikoli 11 u 13 tad-Direttiva 2000/60/KE.

(9) Ir-riżultati ta' din l-ewwel fażi tal-eżerċizzju ta' interkalibrar ġew adottati fid-Deċiżjoni 2008/915/KE. Dawn ir-riżultati ġew inklużi fuq bażi provviżorja bi qbil li riżultati ulterjuri jkunu soġġetti għal Deċiżjoni ġdida meta l-Istati Membri jkunu pprovdew l-informazzjoni rilevanti skont it-Taqsima 1.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

(10) Sabiex jitneħħew il-lakuni u tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-interkalibrar fil-ħin qabel il-pjanijiet ta' ġestjoni tat-tieni baċir ta' xmara fl-2015, il-Kummissjoni bdiet it-tieni fażi tal-eżerċizzju ta' interkalibrar.

(11) L-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jistabbilixxi r-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrar fejn ikun inkiseb b'suċċess l-interkalibrar, fil-limiti ta' dak li huwa teknikament fattibbli f'dan il-punt.

(12) L-Anness II tad-Deċiżjoni jistabbilixxi r-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrar li fihom l-interkalibrar jinkiseb parzjalment. It-tlestija tal-passi kollha neċessarji fl-eżerċizzju ta' interkalibrar għandu jsir b'mod li r-riżultati jiġu inklużi f'Deċiżjoni ġdida. Għaldaqstant, dawk ir-riżultati huma provviżorji.

(13) L-Istati Membri għandhom ilestu l-eżerċizzju ta' interkalibrar sat-22 ta' Diċembru 2016 sabiex jippermettu li l-Kummissjoni tmexxi r-riżultati li hemm fih fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni f'Anness wieħed ta' Deċiżjoni ġdida. Dan se jippermetti li dawn ir-riżultati jintużaw fiċ-ċiklu ta' ppjanar tat-tielet baċir ta' xmara.

(14) It-tlestija tal-passi kollha neċessarji fl-eżerċizzju ta' interkalibrar għandu wkoll jitwettaq sat-22 ta' Diċembru 2016 għal dawk il-Gruppi Ġeografiċi tal-Interkalibrar u l-elementi ta' kwalità bijoloġika fejn sa issa għad ma hemmx riżultati ta' interkalibrar biex jiġu inklużi f'din id-Deċiżjoni. Dan se jippermetti wkoll li dawn ir-riżultati jiġu inklużi f'Deċiżjoni ġdida u jintużaw fiċ-ċiklu ta' ppjanar tat-tielet baċir ta' xmara.

(15) Filwaqt li d-Direttiva 2000/60/KE tesiġi li l-interkalibrar għandu jitwettaq fil-livell tal-element ta' kwalità bijoloġika, il-parametri uniċi (eż. il-klorofilla - konċentrazzjoni, jew il-limiti tal-fond tal-makroalgej u anġjospermi) f'ċerti każijiet huma meqjusa bħala rappreżentanti ta' element ta' kwalità bijoloġika sħiħ. F'każijiet tali, ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrar huma stabbiliti fl-Anness I.

(16) Hemm każijiet fejn l-Istati Membri żviluppaw metodi indipendenti li jkopru biss parti minn element ta' kwalità bijoloġika (eż. metodu indipendenti għal makrofiti u fitobentos għall-element ta' kwalità "makrofiti u fitobentos"). F'każijiet fejn l-interkalibrar għal tali elementi ta' kwalità sottobijoloġika tlesta b'suċċess, ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-interkalibrar ġew inklużi fl-Annessi u identifikati bħala element ta' kwalità sottobijoloġika.

[1] Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/KE), Guidance Document No 6, Towards a Guidance on Establishment of the Intercalibration Network and the Process on the Intercalibration Exercise, European Communities, 2003. ISBN 92-894-5126-2

[2] Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/KE), Guidance Document No 14. Guidance document on the Intercalibration Process 2004-2006, ISBN 92-894-9471-9
Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/KE), Guidance document No. 14. Guidance document on the Intercalibration Process 2008-2011 ISBN: 978-92-79-18997-5

[3] ĠU L 332, 10,12.2008, p. 20,

(17) Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrar għandhom jirreferu għall-istatus ekoloġiku tal-mases tal-ilma. Jekk il-mases tal-ilma li jikkorrispondu għat-tipi interkalibrati jkunu mmarkati bħala mases ta' ilma modifikati ħafna skont l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, ir-riżultati ppreżentati fl-Anness I u II ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jintużaw biex jinkiseb il-potenzjal ekoloġiku tajjeb tagħhom, sakemm jitqiesu l-modifiki fiżiċi tagħhom u l-użu relatat tal-ilma min-naħa tagħhom, skont id-definizzjonijiet normattivi fit-Taqsima 1.2.5 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

(18) L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrar għas-sistemi ta' klassifikazzjoni nazzjonali tagħhom sabiex jistabbilixxu l-limiti bejn status għoli u dak tajjeb u bejn status tajjeb u dak moderat għat-tipi nazzjonali kollha tagħhom.

(19) L-informazzjoni li se ssir disponibbli billi jiġu stabbiliti programmi ta' monitoraġġ previsti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-reviżjoni u l-aġġornament tal-karatteristiċi tad-distrett tal-baċir tax-xmara previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE, jistgħu jwasslu għal evidenza ġdida li tista' twassal għall-addattament tal-progress xjentifiku u tekniku tas-sistemi ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni tal-Istati Membri, u eventwalment għal reviżjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrar sabiex tittejjeb il-kwalità tagħhom.

(20) Id-Deċiżjoni 2008/915/KE għandha, għalhekk, titħassar u tiġi sostitwita skont dan.

(21) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2000/60/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini tat-Taqsima 1.4.1(iii) tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jużaw fil-klassifikazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom, il-valuri ta' limitu bejn il-klassijiet li huma stipulati fl-Anness I u II ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri għandhom ilestu l-passi kollha meħtieġa fl-eżerċizzju ta' interkalibrar għar-riżultati inklużi fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni sat-22 ta' Diċembru 2016.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2008/915/KE hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri,

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

KATEGORIJA TAL-ILMA: Xmajjar

GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR: Alpin

Deskrizzjoni ta' tipi komuni ta' interkalibrar

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idroloġiku (km^2)	Altitudni u ġeomorfoloġija	Alkalinità	Sistema ta' ġiri tal-ilma
R-A1	Pre-Alpina, żgħira sa medja, altitudni għolja, kalkarja	10-1 000	800-2 500 m (baċir idrografiku), blat kbir lixx/ċagħaq	alkalinità għolja (imma mhux estremament għolja)	
R-A2	Żgħira sa medja, altitudni għolja, siliċika	10-1 000	500-1 000 m (altitudni massima tal-baċir idrografiku 3 000 m, medja 1 500 m), blat kbir lixx	Mhux kalkarja (granit, metamorfika), alkalinità medja għal baxxa	sistema ta' ġiri tas-silġ-glaċjali

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

Tip R-A1: il-Ġermanja, l-Awstrija, Franza, l-Italja, is-Slovenja

Tip R-A2: l-Awstrija, Franza, l-Italja, Spanja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ALPINI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Fawna invertebrata bentika

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
Tip R-A1			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika – il-parti dwar l-invertebrati bentiċi (Erhebung der biologischen Qualitätselemente - Teil Makrozoobenthos (Detaillierte MZB-Methode))	0,80	0,60
Franza	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,93	0,79
Il-Ġermanja	PERLODES – Bewertungsverfahren von Fließgewässern auf Basis des Makrozoobenthos	0,80	0,60
L-Italja	MacrOper, ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar (Intercalibration Common Metric Index) STAR (STAR_ICMi)	0,97	0,73
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja rek z bentoškimi nevretenčarji v Sloveniji (Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-invertebrati bentiċi fis-Slovenja)	0,80	0,60
Tip R-A2			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika – il-parti dwar l-invertebrati bentiċi (Erhebung der biologischen Qualitätselemente - Teil Makrozoobenthos (Detaillierte MZB-Methode))	0,80	0,60

Tip u pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
Franza (l-Alpi)	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,93	0,71
Franza (il-Pirenej)	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,94	0,81
L-Italja	MacrOper, ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar (Intercalibration Common Metric Index) STAR (STAR_ICMi)	0,95	0,71
Spanja	BMWP Iberjan (IBMWP)	0,83	0,53

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ALPINI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Makrofiti u Fitobentos

Element ta' Kwalità Sottobijoloġika: Fitobentos

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
Tip R-A1			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika – il-parti dwar il-fitobentos (Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 - Fließgewässer/Phytobenthos)	0,88	0,56
Franza	IBD 2007 (Coste et al, Ecol. Ind. 2009). AFNOR NF-T-90-354, Diċembru 2007. Arrêté ministerial du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,94	0,78
Il-Ġermanja	Verfahrensanleitung für die ökologische Bewertung von Fließgewässern zur Umsetzung der EG-Wasserrahmenrichtlinie: Makrophyten und Phytobenthos (Phylib), Modul Diatomeen	0,735	0,54
L-Italja	Indiċi ICMi (Metriku Komuni tal-Interkalibrar - Intercalibration Common Metric) (Mancini & Sollazzo, 2009, Phytobenthos Intercalibration Common Metric [Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar għall-Fitobentos] (pICM: Kelly et al., 2009)	0,87	0,70
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja rek s fitobentosom in makrofiti v Sloveniji; fitobentos (Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-fitobentos u l-makrofiti fis-Slovenja; Fitobentos)	0,80	0,60

Tip u pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
Tip R-A2			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika – il-parti dwar il-fitobentos (Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 - Fließgewässer/Phytobenthos)	0,88	0,56
Franza	IBD 2007 (Coste et al, Ecol. Ind. 2009). AFNOR NF-T-90-354, Diċembru 2007. Arrêté ministerial du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,94	0,78
Spanja	IPS (Coste in Cemagref, 1982)	0,94	0,74
L-Italja	Indiċi ICMi (Metriku Komuni tal-Interkalibrar - Intercalibration Common Metric) (Mancini & Sollazzo, 2009, Phytobenthos Intercalibration Common Metric [Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar għall-Fitobentos] (pICM: Kelly et al., 2009)	0,85	0,64

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ALPINI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Makrofiti u Fitobentos

Element ta' Kwalità Sottobijoloġika: Makrofiti

MHUX APPLIKABBLI

KATEGORIJA TAL-ILMA: Xmajjar

GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR: Ċentrali / Baltiku

Deskrizzjoni ta' tipi komuni ta' interkalibrar

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idrografiku (km^2)	Altitudni u ġeomorfoloġija	Alkalinità (meq/l)
R-C1	Żgħira, art b'altitudni baxxa, siliċika, ramel	10-100	art b'altitudni baxxa, iddominata minn sottostrat ramli (partiċelli ta' daqs żgħir), wisa' ta' 3-8 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 0,4
R-C2	Żgħira, art b'altitudni baxxa, siliċika, - blat	10-100	art b'altitudni baxxa, materjal blati wisa' ta' 3-8 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	< 0,4
R-C3	Żgħira, art b'altitudni medja, siliċika	10-100	altitudni medja, blat (granit) – sottostrat ta' żrar, wisa' ta' 2-10 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	< 0,4
R-C4	Medja, art b'altitudni baxxa, imħallta	100-1 000	art b'altitudni baxxa, sottostrat ramli għal biż-żrar, wisa' ta' 8-25 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 0,4
R-C5	Kbira, art b'altitudni baxxa, imħallta	1 000-10 000	art b'altitudni baxxa, żona tal-barbju, varjazzjoni fil-veloċità, altitudni massima fil-baċir idrografiku: 800 m, wisa' ta' > 25 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 0,4
R-C6	Żgħira, art b'altitudni baxxa, kalkarja	10-300	art b'altitudni baxxa, sottostrat ta' żrar (ġebel tal-ġir), wisa' ta' 3-10 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 2

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

Tip R-C1: il-Belġju (il-Fjandri), il-Belġju (il-Vallonja), il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, l-Isvezja, ir-Renju Unit

Tip R-C2: Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Portugall, l-Isvezja, ir-Renju Unit

Tip R-C3: l-Awstrija, il-Belġju (il-Vallonja), ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja, Franza, il-Latvja, il-Lussemburgu, ir-Renju Unit

Tip R-C4: il-Belġju (il-Fjandri), il-Belġju (il-Vallonja), ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, l-Isvezja, ir-Renju Unit

Tip R-C5: il-Belġju (il-Vallonja), ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Irlanda. l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, l-Isvezja, ir-Renju Unit

Tip R-C6: il-Belġju (il-Vallonja), id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, ir-Renju Unit

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ĊENTRALI-BALTIĊI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Fawna invertebrata bentika

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata

Ir-riżultati segwenti japplikaw għat-tipi kollha deskritti iktar 'il fuq.

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika– il-parti dwar l-invertebrati bentiċi	0,80	0,60
Il-Belġju (il-Fjandri)	Indiċi Multimetriku tal-Makroinvertebrati ta' Fjandri (MMIF - Multimetric Macroinvertebrate Index Flanders)	0,90	0,70
Il-Belġju (il-Vallonja)	Indice Biologique Global Normalisé (IBGN) (Norme AFNOR NF T 90 350, 1992) u Arrêté du Gouvernement wallon du 13 septembre 2012 relatif à l'identification, à la caractérisation et à la fixation des seuils d'état écologique applicables aux masses d'eau de surface et modifiant le Livre II du Code de l'Environnement, contenant le Code de l'Eau. Moniteur belge 12.10.2012	0,97 (tipi R-C3, R-C5, R-C6) 0,94 (tip R-C1)	0,74 (tipi R-C3, R-C5, R-C6) 0,75 (tip R-C1)
Ir-Repubblika Ċeka	Sistema Ċeka għall-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar li tuża l-makroinvertebrati bentiċi	0,80	0,60
Id-Danimarka	Indiċi Daniż tal-Fawna tax-Xmajriet (DSFI - Danish Stream Fauna Index)	1,00	0,71
L-Estonja	Valutazzjoni Estonjana tal-kwalità ekoloġika tal-ilma tal-wiċċ – makroinvertebrati tax-xmajjar	0,90	0,70
Il-Ġermanja	PERLODES – Bewertungsverfahren von Fließgewässern auf Basis des Makrozoobenthos	0,80	0,60
Franza	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,94	0,80
L-Irlanda	(Sistema ta' Klassifikazzjoni tal-Kwalità (Valur Q) (Quality Rating System (Q-value))	0,85	0,75
L-Italja	MacrOper, ibbażat fuq il-kalkolu tal-indiċi STAR_ICM	0,96	0,72
Il-Lussemburgu	Classification luxembourgeoise DCE, Indice Biologique Global Normalisé (IBGN), 1992, AFNOR NF T -90-350 u ċ-ċirkulari DCE 2007/22 MEDD/DE/MAGE/BEMA 07 Nru 4 tal-11 ta' April 2007	0,96	0,72

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
Il-Pajjiżi l-Baxxi	KRW-maatlat	0,80	0,60
Il-Polonja	$RIVECO_{macro}$ għal valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar li tuża l-makroinvertebrati bentiċi (Indiċi Multimetriku tal-Makroinvertebrati, ibbażat fuq STAR_ICM)	0,91 (tip RC1)	0,72 (tip RC1)
Spanja	METI	0,93	0,70
L-Isvezja	Indiċi DJ (Dahl & Johnson 2004)	0,80	0,60
Ir-Renju Unit	Għodda ta' Klassifikazzjoni tal-Invertebrati tax-Xmajjar (RICT - River Invertebrate Classification Tool) – WHPT	0,97	0,86

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ĊENTRALI-BALTIĊI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Makrofiti u Fitobentos

Element ta' Kwalità Sottobijoloġika: Makrofiti

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	AIM għax-Xmajjar (Indiċi Awstrijak tal-Makrofiti għax-xmajjar - Austrian Index Macrophytes for rivers)	RC-3	0,875	0,625
Il-Belġju (il-Fjandri)	MAFWAT - Sistema Fjamminga ta' valutazzjoni tal-makrofiti	R-C1	0,80	0,60
Il-Belġju (il-Vallonja)	IBMR-WL – Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar (Arrêté du Gouvernement wallon du 13 septembre 2012 relatif à l'identification, à la caractérisation et à la fixation des seuils d'état écologique applicables aux masses d'eau de surface et modifiant le Livre II du Code de l'Environnement, contenant le Code de l'Eau. Moniteur belge 12.10.2012)	R-C3	0,925	0,607
Id-Danimarka	DSPI - Indiċi Daniż tal-Pjanti tax-Xmajriet (Danish Stream Plant Index)	R-C1	0,70	0,50
		R-C4	0,70	0,50
Il-Ġermanja	Verfahrensanleitung für die ökologische Bewertung von Fließgewässern zur Umsetzung der EG-Wasserrahmenrichtlinie: Makrophyten und Phytobenthos (Phylib), Modul Makrophyten	R-C1	0,745	0,495
		R-C3	0,80	0,55
		R-C4	0,575	0,395
Franza	L-istandard Franċiż NF T90-395 (2003-10-01). Qualité de l'eau - Détermination de l'indice biologique macrophytique en rivière (IBMR)	R-C3	0,93	0,79
		R-C4	0,905	0,79
L-Irlanda	MTR – IE – Klassifikazzjoni Trofika Medja (Mean Trophic Ranking)	R-C4	0,74	0,62

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Italja	IBMR – IT - Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-C1	0,90	0,80
		R-C4	0,90	0,80
Il-Lussemburgu	IBMR – LU - Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-C3	0,89	0,79
		R-C4	0,89	0,79
Il-Polonja	MIR - Indiċi tal-Makrofiti għax-Xmajjar (Macrophyte Index for Rivers)	R-C1	0,90	0,65
		R-C3	0,91	0,684
		R-C4	0,90	0,65
Ir-Renju Unit	LEAFPACS - Klassifikazzjoni Ekoloġika tax-Xmajjar li tuża l-Makrofiti (Ecological Classification of Rivers using Macrophytes)	R-C1	0,80	0,60
		R-C3	0,80	0,60
		R-C4	0,80	0,60

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ĊENTRALI-BALTIĊI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Makrofiti u Fitobentos

Element ta' Kwalità Sottobijoloġika: Fitobentos

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika – il-parti dwar il-Fitobentos [Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 -Fließgewässer/Phytobenthos]	It-tipi kollha, altitudni < 500 m	0,70	0,42
		It-tipi kollha, altitudni > 500 m	0,71	0,43
Il-Belġju (il-Fjandri)	Proporzjonijiet ta' Dijatomi Sensittivi għall-Impatt u Assoċjati mal-Impatt (PISIAD - Proportions of Impact-Sensitive and Impact-Associated Diatoms)	It-tipi kollha	0,80	0,60
Il-Belġju (il-Vallonja)	IPS (Coste in CEMAGREF, 1982); Lenoir & Coste, 1996 u Arrêté du Gouvernement wallon du 13 septembre 2012 relatif à l'identification, à la caractérisation et à la fixation des seuils d'état écologique applicables aux masses d'eau de surface et modifiant le Livre II du Code de l'Environnement, contenant le Code de l'Eau. Moniteur belge 12.10.2012)	It-tipi kollha	0,98	0,73
L-Estonja	Indice de Polluosensibilité Spécifique (IPS)	It-tipi kollha	0,85	0,70
Franza	IBD 2007 (Coste et al, Ecol. Ind. 2009). AFNOR NF-T-90-354, Diċembru 2007. Arrêté ministerial du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	It-tipi kollha	0,94	0,78

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
Il-Ġermanja	Verfahrensanleitung für die ökologische Bewertung von Fließgewässern zur Umsetzung der EG-Wasserrahmenrichtlinie: Makrophyten und Phytobenthos (Phylib), Modul Diatomeen	R-C1	0,67	0,43
		R-C3	0,67	0,43
		R-C4	0,61	0,43
		R-C5	0,73	0,55
L-Irlanda	Forma riveduta tal-Indiċi Trofiku tad-Dijatomi (TDI - Trophic Diatom Index)	It-tipi kollha	0,93	0,78
L-Italja	Indiċi ICMi (Metriku Komuni tal-Interkalibrar - Intercalibration Common Metric) (Mancini & Sollazzo, 2009, Phytobenthos Intercalibration Common Metric [Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar għall-Fitobentos] (pICM: Kelly et al., 2009)	It-tipi kollha	0,84	0,65
Il-Lussemburgu	Indice de Polluosensibilité Spécifique (IPS)	It-tipi kollha	0,90	0,70
Il-Pajjiżi l-Baxxi	KRW Maatlat	It-tipi kollha	0,80	0,60
Il-Polonja	Indeks Okrzemkowy IO dla rzek (Indiċi tad-Dijatomi għax-Xmajjar)	It-tipi kollha	0,80	0,58
Spanja	Indiċi Multimetriku tad-Dijatomi (MDIAT)	R-C2, R-C3, R-C4	0,93	0,70
L-Isvezja	Metodi ta' valutazzjoni Svediżi, ir-regolamenti tal-EPA Svediżi (NFS 2008:1) ibbażati fuq l-Indice de Polluosensibilité Spécifique (IPS)	It-tipi kollha	0,89	0,74
Ir-Renju Unit	Valutazzjoni tad-Dijatomi għall-Istat Ekoloġiku tax-Xmajjar (Diatom Assessment for River Ecological Status - DARLEQ2)	It-tipi kollha	1,00	0,75

KATEGORIJA TAL-ILMA: Xmajjar

GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR: Kontinentali tal-Lvant

Deskrizzjoni ta' tipi komuni ta' interkalibrar

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Ekoreġjun	Baċir idroloġiku (km^2)	Altitudni (m)	Ġeoloġija	Sottostrat
R-E1a	Karpazji: żgħira sa medja, altitudni medja	10	10 – 1 000	500 – 800	imħallta	
R-E1b	Karpazji: żgħira sa medja, altitudni medja	10	10 – 1 000	200 - 500	imħallta	
R-E2	Pjanuri: daqs medju, art b'altitudni baxxa	11 u 12	100 – 1 000	< 200	imħallta	ramel u ħama
R-E3	Pjanuri: kbira, art b'altitudni baxxa	11 u 12	> 1 000	< 200	imħallta	ramel, ħama u żrar
R-E4	Pjanuri: daqs medju, altitudni medja	11 u 12	100 – 1 000	200 – 500	imħallta	ramel u żrar
R-EX4	Kbira, altitudni medja	10, 11 u 12	> 1 000	200 - 500	imħallta	żrar u blat lixx
R-EX5	Pjanuri: żgħira, art b'altitudni baxxa	11 u 12	10 - 100	< 200	imħallta	ramel u ħama

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Ekoreġjun	Baċir idroloġiku (km^2)	Altitudni (m)	Ġeoloġija	Sottostrat
R-EX6	Pjanuri: żgħira, altitudni medja	11 u 12	10 - 100	200 - 500	imħallta	żrar
R-EX7	Balkani: żgħira, kalkarja, altitudni medja	5	10-100	200-500	kalkarja	żrar
R-EX8	Balkani: daqs żgħir għal medju, kalkarja, xmajra tal-karst	5	10-1 000		kalkarja	żrar, ramel u ħama

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

Tip R-E1a: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja

Tip R-E1b: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja

Tip R-E2: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja

Tip R-E3: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja

Tip R-E4: l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja

Tip R-EX4: ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja

Tip R-EX5: il-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja

Tip R-EX6: il-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja

Tip R-EX7: is-Slovenja

Tip R-EX8: il-Bulgarija, is-Slovenja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR KONTINENTALI TAL-LVANT

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Fawna invertebrata bentika

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika– il-parti dwar l-invertebrati bentiċi	R-E4	0,80	0,60
Il-Bulgarija IBI	Indiċi bijotiku Irlandiż	R-E1a, R-E1b	0,86	0,67
Ir-Repubblika Ċeka	Sistema Ċeka għall-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar li tuża l-makroinvertebrati bentiċi	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3	0,80	0,60
L-Ungerija	Indiċi Multimetriku Ungeriż tal-Makroinvertebrati	R-E1b, R-E3, R-E4, R-EX5, R-EX6	0,80	0,60
Rumanija	Metodu ta' valutazzjoni għall-istatus ekoloġiku tal-korpi tal-ilma bbażat fuq il-makroinvertebrati	R-E1a, R-E1b, R-E3, R-EX4	0,74	0,58
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja rek z bentoškimi nevretenčarji v Sloveniji	R-E4, R-EX5, R-EX6	0,80	0,60
Is-Slovakkja	Valutazzjoni Slovakka tal-invertebrati bentiċi fix-xmajjar	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3, R-E4, R-EX4	0,80	0,60

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR KONTINENTALI TAL-LVANT

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Makrofiti u Fitobentos

Element ta' Kwalità Sottobijoloġika: Makrofiti

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	AIM għax-Xmajjar (Indiċi Awstrijak tal-Makrofiti għax-xmajjar - Austrian Index Macrophytes for rivers)	R-E4	0,875	0,625
Il-Bulgarija IBI	Indiċi ta' Referenza	R-E2, R-E3	0,570	0,370
Il-Bulgarija IBI	Indiċi ta' Referenza	R-E4	0,510	0,270
L-Ungerija	Indiċi ta' Referenza	R-E2, R-E3	0,700	0,370
Is-Slovenja	Indiċi tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-E2, R-E3, R-E4	0,800	0,600
Is-Slovakkja	Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-E2, R-E3, R-E4	0,800	0,600

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR KONTINENTALI TAL-LVANT

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Makrofiti u Fitobentos

Element ta' Kwalità Sottobijoloġika: Fitobentos

Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika – il-parti dwar il-fitobentos	R-E4	0,70	0,42
Il-Bulgarija IBI	Valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar fil-Bulgarija bbażata fuq l-indiċi tad-dijatomi IPS	R-E1a, R-E1b, R-E3	0,87 (tip nazzjonali R2, R4) 0,85 (tip nazzjonali R7, R8)	0,66 (tip nazzjonali R2, R4) 0,64 (tip nazzjonali R7, R8)
Ir-Repubblika Ċeka	Sistema ta' valutazzjoni għax-xmajjar li tuża l-fitobentos	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3, R-EX4	0,80	0,60
L-Ungerija	Valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar ibbażata fuq id-dijatomi	R-E2, R-E3, R-EX5	0,80	0,60
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja rek s fitobentosom in makrofiti v Sloveniji; fitobentos (Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-fitobentos u l-makrofiti fis-Slovenja; Fitobentos)	R-E4, R-EX5, R-EX6, R-EX7, R-EX8	0,80	0,60
Is-Slovakkja	Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-fitobentos	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3, R-E4, R-EX4	0,90	0,70

KATEGORIJA TAL-ILMA: Xmajjar

GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR: Mediterranju

Deskrizzjoni ta' tipi komuni ta' interkalibrar

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idroloġiku (km^2)	Ġeoloġija	Sistema ta' ġiri tal-ilma
R-M1	Xmajriet Mediterranji żgħar	< 100	Imħallta (ħlief siliċika)	Staġjonali ħafna
R-M2	Xmajriet Mediterranji medji	100-1 000	Imħallta (ħlief siliċika)	Staġjonali ħafna
R-M4	Xmajriet fil-muntanji Mediterranji		Mhux siliċika	Staġjonali ħafna
R-M5	Xmajriet temporanji			Temporanji

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

Tip R-M1: Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja

Tip R-M2: Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja

Tip R-M4: Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Spanja

Tip R-M5: Ċipru, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR MEDITERRANJI

Element ta' Kwalità Bijoloġika: Fawna invertebrata bentika

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
R-M1			
Franza	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,940	0,700
L-Italja	MacrOper (ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR ICMi - Intercalibration Common Metric Index)	0,970	0,720
Il-Portugall	Metodu ta' Valutazzjoni tal-Kwalità Bijoloġika tax-Xmajjar-Invertebrati Bentiċi (IPtIN, IPtIS)	0,870 (tip 1) 0,850 (tip 3)	0,678 (tip 1) 0,686 (tip 3)
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja rek z bentoškimi nevretenčarji v Sloveniji (Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-invertebrati bentiċi fis-Slovenja)	0,800	0,600
Spanja	Grupp ta' Ħidma Iberjan għal Monitoraġġ Bijoloġiku (IBMWP - Iberian Biological Monitoring Working Party)	0,845	0,698
Spanja	Indiċi Multimetriku Mediterranju Iberjan—li juża dejta kwantitattiva (IMMi-T - Iberian Mediterranean Multimetric Index)	0,811	0,707

Tip u pajjiż	Sistema nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrata	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Limitu Għoli-Tajjeb	Limitu Tajjeb-Moderat
R-M2			
Franza	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,940	0,700
L-Italja	MacrOper (ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR ICMi - Intercalibration Common Metric Index)	0,940	0,700
Il-Portugall	Metodu ta' Valutazzjoni tal-Kwalità Bijoloġika tax-Xmajjar-Invertebrati Bentiċi (IPtIN, IPtIS)	0,830 (tip 2) 0,880 (tip 4)	0,693 (tip 2) 0,676 (tip 4)
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja rek z bentoškimi nevretenčarji v Sloveniji (Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-invertebrati bentiċi fis-Slovenja)	0,800	0,600
Spanja	Grupp ta' Ħidma Iberjan għal Monitoraġġ Bijoloġiku (IBMWP - Iberian Biological Monitoring Working Party)	0,845	0,698
Spanja	Indiċi Multimetriku Mediterranju Iberjan—li juża dejta kwantitattiva (*IMMi-T* - Iberian Mediterranean Multimetric Index)	0,811	0,707
R-M4			
Franza	Classification française DCE Indice Biologique Global Normalisé (IBGN). AFNOR NF-T-90-350 u arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {…} des eaux de surface	0,940	0,700
Ċipru	Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR (STAR_ICMi - STAR Intercalibration Common Metric Index)	0,972	0,729
